MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 434/2008

**A B C**
**vs**
**D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk :

1. Il-kontendenti zzewgu nhar l-24 ta’ April, 1999 hekk kif indikat fic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

2. Il-kontendenti sseparaw personalment permezz ta’ kuntratt datat 25 ta’ Settembru [recte: Lulju], 2008 in atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela hawn anness u mmarkat bhala Dok. B.

3. Il-kunsens tar-rikorrenti esponent inkiseb b' qerq dwar kwalita' tal-konvenuta ntimata li, mix-xorta taghha, fixklet serjament il-hajja mizzewga.

4. Il-kunsens tal-kontendenti, jew ta' wiehed/ wahda minnhom nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u wkoll li l-kunsens tal-kontendenti, jew xi wiehed minnhom kien vizzjat skond l-Artikolu 19 (1)(d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Ir-rikorrent esponent jaf personalment b' dawn il-fatti kollha.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ntimata ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddikjara null u bla effett ghal-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, z-zwieg bejn il-kontendenti ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) (c), 19 (1) (d) u ta' l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, jew liema minnhom;

2. Taghti dawk il-provvedimenti l-ohra kollha opportuni f' dan ir-rigward, inkluz, occorrendo, li f' kaz li tiddeciedi li z-zwieg bejn il-kontendenti jigi annullat, tali decizjoni ta' annullament tigi registrata fic-certifikat relattiv ghaz-zwieg bejn il-kontendenti odjerni fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta intimata li tinsab minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat li l-konvenuta pprezentat 'nota' guramentata li biha cahdet dak attribwit lilha mill-attur fir- rikors promotur ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fl-24 ta’ April 1999 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali ta’ l-attur kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c] u dak tal-partijiet, fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Minn naha taghha l-konvenuta tichad dak attribwit lilha bhala raguni ghall-annullament taz-zwieg.

**Il-Fatti**
Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu fit-tul.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fl-24 ta’ April 1999 meta allura l-attur kellu 25 sena u l-konvenuta kellha 23 sena, u wara li kienu ilhom jikkoabitaw flimkien circa tlett snin. Fis-sena 2008 il-partijiet isseparaw de facto, u fil-25 ta’ Lulju ta’ l-istess sena, iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni personali.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

*Verzjoni Attur*
Illi in sustanza l-attur jakkuza lill-konvenuta li wara sentejn mid-data taz-zwieg beda jirrizulta manifest li l-konvenuta ma riditx li jkollha tfal minnu. Jghid li, meta l-att taz-zwieg beda jsir minghajr prekawzjoni, il-konvenuta kienet turi riluttanza ghall-att taz-zwieg komplut. Hu jghid li dina kienet l-akbar kwistjoni li kellhom bejniethom il-partijiet, u kienet “issue” li kienu jiggieldu fuqha kontinwament, peress li hu ried li jkollhom tfal fiz-zwieg.

Jghid li, wara tlieta jew ebra’ snin ta’ konvivenza matrimonjali, il-konvenuta kienet telqet mid-dar konjugali, peress li kienet qalet li kienet xebghet, izda, sussegwentement, bl-intervent ta’ xi hbieb taghhom, il-partijiet irrikonciljaw, u komplew il-konvivenza, izda bl-istess problemi rigwardanti r-relazzjonijiet intimi. Jsemmi wkoll nuqqasijiet ohra tal-konvenuta li, ghalkemm kienu jdeqqjuh, kien jissaportihom ; sakemm, eventwalment

huwa skopra li l-konvenuta kienet infidila lejh, u ghalhekk kecciha mid-dar konjugali, u l-partijiet isseparaw.

*Verzjoni Konvenuta*
Illi l-konvenuta tichad li hi kienet infidila lejn zewgha, l-attur, jew li, meta zzewget, hi kienet eskludiet li jkollhom tfal fiz-zwieg. Hi taghti s-segwenti verzjoni tal-fatti.

Tghid li qabel iz-zwieg il-partijiet kienu ilhom jikkoabitaw flimkien ghal circa tlett snin, meta eventwalment l-attrici kienet insistiet ma' l-attur li, jew jizzewgu, jew inkellha tittermina r-relazzjoni taghha mieghu, u dan peress li hi ma rieditx tibqa' tikkoabita mieghu barra z-zwieg. Jidher li huwa kien accetta, b' certu kondizzjonijiet, fosthom li jmorru joqghodu fis-South ta' Malta.

Sa dan iz-zmien, qabel iz-zwieg, ir-relazzjonijiet intimi bejn il-partijiet kienu spissi, u kienu jsiru bl-uzu tal-prekawzjonijiet, u wkoll jidher li kien hemm reciprocita' bejniethom f'dan ir-rigward; izda anke f' dan l-istadju, l-attrici kienet tilmenta minn nuqqas ta' komunikazzjoni da parti ta' l-attur, kif ukoll kienet tarah immatur u ma setghetx timmagina kif kien ser jerfa' responsabbilita' fiz-zwieg ; u kien ghalhekk li, wara sentejn ta' koabitazzjoni, hija kienet tterminat ir-relazzjoni ta' bejniethom ; izda sussegwentement il-konvenuta ghalqet ghajnejha ghal dawn l-affarijiet li diga' kienu qed jdejquha u ghaddset rasha u rrezumiet ir-relazzjoni, u eventwalment izzewgu.

Il-konvenuta tilmenta wkoll mill-fatt li matul iz-zwieg l-attur wera li kien egojst hafna, kien soggett ghall-indhil indebitu mill-genituri tieghu, u wkoll ma kienux iqattghu 'quality time' wahedhom peress li l-attur fil-weekends dejjem kien ikun irid li johorgu mal-hbieb.

Tghid li, fir-relazzjonijiet intimi l-attur kien jaghmel uzu minn films pornografici, bir-rizutlat li hi kien ihossha kontinwament li kienet qeda tigi uzata u mhux mahbuba. Hija tilmenta minn nuqqas ta' affezzjoni da parti ta' l-attur fil-konfront taghha waqt l-att taz-zwieg,. Dawn in-nuqqasijiet fiz-zwieg, kienu jhalluha nsodisfatta, kemm emozzjonalment kif ukoll sesswalment.

Tghid li, wara li nqala' l-incident fejn l-attur beda jissuspetta li martu kienet infidila lejh, huma sseparaw de facto.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f' dan il-kaz l-attur jattribwixxi nuqqasijiet serji da parti ta' l-attrici fir-relazzjoni taghhom, partikolarment wara z-zwieg, liema nuqqasijiet jinsabu kontrastati minnha. Din minn naha taghha taghti stampa piuttost differenti minn dik ta' l-attur u li turi nuqqasijiet ukoll serji, fil-konfront tieghu

Illi din il-Qorti hija tal-fehema li l-komportament u n-nuqqasijiet taz-zewg partijiet, kif reciprokament attribwiti, kienu ta' ostaklu serju sabiex tinbena bejniethom fiz-zwieg "a community of love and life" ; u juru li, nonostante li l-partijiet kienu jikkoabitaw flimkien qabel iz-zwieg, hekk kif izzewgu, beda jsir manifest li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghhom, huma kienu affetti minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja konjugali. Jidher li l-egoizmu taghhom, differentement manifestat, kien irrendihom inkapaci li jassumu l-obbligi matrimonjali taghhom b' mod li jghixu f' unjoni diretta lejn il-benessere reciproku, bir-rizultat li, il-konvivenza matrimonjali taghhom, ghalkemm ta' certu tul, kienet wahda nfelici mill-bidu nett, u mill-bidu nett, destinata li tfalli.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta, liema caput nullitatis jkkonfigura fil-konfront taz-zewg partijiet.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-24 ta' April 1999.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------